Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 5/21**
il-Lussemburgu, 14 ta' Jannar 2021

Stampa u Informazzjoni

Sentenza fil-Kawża C-441/19
TQ vs Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid

# Qabel ma jadotta deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront ta' minuri mhux akkumpanjat, Stat Membru għandu jiżgura ruħu mid-disponibbiltà ta' akkoljenza adegwata għal dan il-minuri fl-Istat ta' ritorn

*Barra minn hekk, jekk akkoljenza adegwata ma hijiex iktar żgurata fl-istadju tat-tneħħija, l-Istat Membru ma jkunx jista' jeżegwixxi d-deċiżjoni ta' ritorn*

F'Ġunju 2017, TQ, minuri mhux akkumpanjat li dak iż-żmien kellu 15-il sena u erba' xhur, ressaq fil-Pajjiżi l-Baxxi applikazzjoni għal permess ta' residenza għal żmien limitat fuq il-bażi tad-dritt għal ażil. Fil-kuntest ta' din it-talba, TQ indika li twieled fl-2002 fil-Ginea. Wara l-mewt taz-zija li għandha kien jgħix fi Sierra Leone, TQ wasal fl-Ewropa. F'Amsterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi), huwa kien vittma ta' traffikar tal-bnedmin u ta' sfruttament sesswali, u b'riżultat ta' dan huwa attwalment qiegħed isofri minn problemi psikoloġiċi serji. F'Marzu 2018, l-iStaatssecretaris van Justitie en Veiligheid (is-Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja u għas-Sigurtà, il-Pajjiżi l-Baxxi, iktar 'il quddiem is-"Segretarju tal-Istat") iddeċieda *ex officio* li TQ ma setax jibbenefika minn permess ta' residenza għal żmien limitat, filwaqt li l-qorti tar-rinviju ppreċiżat li TQ la jista' jitlob l-istatus ta' refuġjat u lanqas il-protezzjoni sussidjarja. Konformement mad-dritt Olandiż, id-deċiżjoni tas-Segretarju tal-Istat hija ekwivalenti għal deċiżjoni ta' ritorn.

F'April 2018, TQ ippreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju, fejn sostna b'mod partikolari li huwa ma jafx fejn jirrisjedu l-ġenituri tiegħu u li lanqas ma jkun jista' jagħrafhom la jirritorna, li huwa ma kien jaf ebda membru ieħor tal-familja tiegħu u li lanqas ma jaf jekk tali membri jeżistux.

Il-qorti tar-rinviju tispjega li l-leġiżlazzjoni Olandiża tagħmel distinzjoni bbażata fuq l-età tal-minuri mhux akkumpanjat. Fir-rigward tal-minuri li għandhom inqas minn 15-il sena fid-data tat-tressiq tal-applikazzjoni għall-ażil, investigazzjoni dwar l-eżistenza ta' akkoljenza adegwata fl-Istat ta' ritorn, prevista fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/115 [1], titwettaq qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar din l-applikazzjoni, fejn dawn il-minuri jingħataw permess ta' residenza ordinarju fil-każ fejn tali akkoljenza tkun assenti. Għall-minuri li għandhom 15-il sena jew iktar fid-data tat-tressiq tal-applikazzjoni għal ażil, bħal TQ, tali investigazzjoni ma titwettaqx, peress li l-awtoritajiet Olandiżi donnhom jistennew li l-minuri inkwistjoni jilħqu l-età ta' 18-il sena sabiex sussegwentement jimplimentaw id-deċiżjoni ta' ritorn. Għalhekk, matul il-perijodu bejn l-applikazzjoni għal ażil tiegħu u l-kisba tal-età maġġorenni tiegħu, ir-residenza ta' minuri mhux akkumpanjat ta' 15-il sena jew iktar fil-Pajjiżi l-Baxxi tkun irregolari iżda ttollerata.

Huwa f'dan il-kuntest li l-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tad-distinzjoni magħmula mil-leġiżlazzjoni Olandiża bejn il-minuri mhux akkumpanjati li għandhom iktar minn 15-il sena u dawk li għandhom inqas minn 15-il sena.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

[1] Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas -16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalmentt (ĠU 2008, L 348, p. 98, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar ir-'ritorn'").

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li, meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni jadotta deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront ta' minuri mhux akkumpanjat skont id-Direttiva dwar ir-"ritorn", huwa għandu neċessarjament jieħu inkunsiderazzjoni l-aħjar interessi tat-tfal [2] fl-istadji kollha tal-proċedura, li jimplika li ssir evalwazzjoni ġenerali u fil-fond tas-sitwazzjoni ta' dan il-minuri. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li l-Istat Membru kkonċernat jadotta deċiżjoni ta' ritorn mingħajr ma jkun żgura ruħu minn qabel bl-eżistenza ta' akkoljenza adegwata fl-Istat ta' ritorn ikollu l-konsegwenza li dan il-minuri, minkejja li kien is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn, ma jkunx jista' jitneħħa fil-każ li tali akkoljenza tkun assenti. B'hekk tali minuri jitqiegħed f'sitwazzjoni ta' inċertezza kbira fir-rigward tal-istatus legali tiegħu u tal-futur tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-edukazzjoni skolastika tiegħu, ir-rabta tiegħu ma' familja ospitanti jew il-possibbiltà li jibqa' fl-Istat Membru kkonċernat, fatt li jmur kontra r-rekwiżit ta' protezzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal fl-istadji kollha tal-proċedura. Minn dan isegwi li, fl-assenza ta' disponibbiltà ta' akkoljenza adegwata fl-Istat ta' ritorn, il-minuri kkonċernat ma jistax ikun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża, f'dan il-kuntest, li l-età tal-minuri mhux akkumpanjat inkwistjoni tikkostitwixxi biss element fost oħrajn sabiex tiġi vverifikata l-eżistenza ta' akkoljenza adegwata fl-Istat ta' ritorn u tiddetermina jekk l-aħjar interessi tat-tfal għandhomx iwasslu li ma tiġix adottata deċiżjoni ta' ritorn kontra dan il-minuri. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika li Stat Membru ma jistax jagħmel distinzjoni bejn il-minuri mhux akkumpanjati skont l-uniku kriterju tal-età tagħhom sabiex tiġi vverifikata l-eżistenza ta' tali akkoljenza.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li, fid-dawl tal-obbligu għall-Istati Membri li jadottaw deċiżjoni ta' ritorn fil-konfront ta' kull ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment fit-territorju tagħhom [3] u li jipproċedu bit-tneħħija tiegħu [4] fl-iqsar żmien possibbli, id-Direttiva dwar ir-"ritorn" tipprekludi lil Stat Membru, wara li jkun adotta deċiżjoni ta' ritorn fir-rigward ta' minuri mhux akkumpanjat u li jkun żgura ruħu bl-eżistenza ta' akkoljenza adegwata fl-Istat ta' ritorn, milli sussegwentement jastjeni milli jipproċedi bit-tneħħija tiegħu sakemm jilħaq l-età ta' 18-il sena. F'tali każ, il-minuri kkonċernat għandu jitneħħa mit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat bla ħsara għall-iżvilupp tas-sitwazzjoni tiegħu. F'dan l-aħħar rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li, fl-ipoteżi fejn akkoljenza adegwata fl-Istat ta' ritorn ma tkunx iktar żgurata fl-istadju tat-tneħħija tal-minuri mhux akkumpanjat, l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx jista' jeżegwixxi d-deċiżjoni ta' ritorn.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*

[2] Ara l-Artikolu 5(a) tad-Direttiva dwar ir-"ritorn".
[3] Ara l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva dwar ir-"ritorn".
[4] Ara l-Artikolu 8 tad-Direttiva dwar ir-"ritorn".